MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**IS-SEBA’ KUNSILL**

SEDUTA NRU. 64

28 ta’ Settembru 2016

Minuti tas-seduta Nru. 64 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar l-Erbgħa 28 ta’Settembru 2016 fis-7.00pm.

## PREŻENTI

Il-Kunsillieri kollha minbarra l-Kunsillier D. Vella li nforma lill-Kunsill illi ma setax jattendi minħabba li kien indispost, permezz ta’ imejl datat 28 ta’ Settembru 2016. Il-Kunsill dehrlu li r-raġuni mogħtija kienet ġustifikata u għalhekk skuża lis-Sur D. Vella.

Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rreġistra l-minuti, filwaqt li s-seduta ġiet trasmessa direttament bl-internet.

## TALBA

It-talba ntqalet mis-Sindku J. Buttigieg.

## 1.0. Minuti

1.1. Il-Kunsillier E. Bartolo ġibed l-attenzjoni għall-minuta 2.5.2. (Ref: **K/6/10/Vol III**) tas-seduta preċedenti u talab li tinqara kif ġej:

*“2.3.2. Il-Kunsillier E. Bartolo aċċenna għall-minuta 8.3. tas-Seduta Nru. 61 u ssuġġerixxa li l-ġbir tal-ħġieġ bieb-bieb jibda jsir kull ħmistax-il ġurnata sabiex ma tinħoloqx konfużżjoni fost ir-residenti.”.*

1.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo aċċenna għall-minuta 2.7.1. (Ref: **F/2/Vol VI**) u talab li tiżdied minuta oħra magħha li tinqara hekk:

*“2.7.6. Il-Kunsill qabel mal-proposta skont il-minuta 2.7.4.”.*

1.3. Il-minuti tas-seduta Nru. 63 li saret fit-12 ta’ Settembru 2016 ġew approvati u ffirmati bl-emendi skont il-minuta 1.1. u 1.2. aktar ‘il fuq. Kien hemm qbil ukoll li għandhom jiġu ppubblikati fis-sit elettroniku http://www.lc.gov.mt

## 2.0. Materji Mqajma mill-Minuti

## 2.1.1. Ipparkjar fi Triq Anthony Sammut (T/3/2/Vol XIV)

2.1.2. Saret referenza għal minuta 4.5.1. tas-seduta preċedenti, kif ukoll għall-parir li ntalab lill-Transport Malta dwar it-*turning circles* mill-garaxx f’Nru. T14. Permezz ta’ tweġiba datata 26 ta’ Settembru

2016, Transport Malta wieġbu li m'għandhomx oġġeżżjoni li jitneħħew iż-żewġ *parking bays* li hemm fuq naħa waħda tal-istess garaxx.

2.1.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li bid-domanda li tiżisti għall-ipparkjar, kemm jista' ikun m'għandhomx jitneħħew iż-żewġ *parking bays,* kif intalab. Għaldaqstant iddeċieda li bi prova titneħħa l-ewwel parking bay li hemm bejn il-garaxx in kwistjoni u Triq il-Fortizza.

**2.2.1. Periklu fi Triq il-Marfa (T/3/2/Vol XIV)**

2.2.2. Inqara imejl datat 19 ta' Settembru 2016, fejn is-Sur Charles Beagle ppropona li jsiru *speed humps, speed limit signs, jews speed camera* fi Triq il-Marfa, bejn Triq it-Trill u Dawret it-Tunnara. Ġie ndikat sewwieq ta' vettura partikulari li qed persistentement jabbuża b'sewqan perikoluż.

2.2.3. Il-Kunsill ma qabilx li għandhom jiġu ntrodotti l-arranġamenti ndikat, però talab li n-numru tal-vettura tal-persuna li qed jabbuża għandha tiġi mgħoddija lill-Pulizija sabiex jiġi mwissi.

**2.3.1. *Culvert* għall-ilma tax-xita fi Triq il-Qortin (T/4/12/Vol II)**

2.3.2. Saret referenza għall-minuta 2.6.1. tas-seduta ta' qabel, kif ukoll għal ittra datata 15 ta' Settembru 2016, mibgħuta minn Spiteri Bailey Advocates f'isem is-Sur Emanuel u Joyce Borg, fejn qed jinfurmaw lill-Kunsill li ser iżommu l-Kunsill responsabbli għad-danni li jistgħu jiġu kkawżati fil-proprjetà tagħhom, "Harmony" fi Triq il-Qortin, billi qed jallegaw li l-ispralli eżistenti m'għandhomx kapaċità biżżejjed biex ilaħħqu meta tagħmel ħafna xita.

2.3.3. Is-Sindku għarraf lill-Kunsill li rċieva risposta mill-Perit Charmaine Cutajar mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma, dwar il-possibiltà li jsir użu mill-mina tad-drenaġġ biex jgħaddu katusi ġodda li jieħdu l-ilma tax-xita. Il-Perit Cutajar qalet li dan mhux possibbli minħabba raġunijiet tekniċi. Minkejja dan huma lesti li jnaddfu l-katusi permezz ta' *power jet* minn xi naqal li jista' hemm ġo fihom. Is-Sur J. Buttigieg ippropona li bħala l-ewwel miżura jsir sprall għall-ilma tax-xita, matul il-wisa' tad-*drive-in* tal-fond in kwistjoni.

**2.4.1. Bankini ġodda fi Triq il-Marfa fl-Għadira (T/3/3/Vol IV)**

2.4.2. Saret referenza għal imejl datat 23 ta' Settembru 2016 mibgħut minn Transport Malta fejn għarrfu li ser issir bankina bejn il-lukanda Seabank u l-Mellieħa Holiday Centre. Billi dan ix-xogħol jinvolvi spusstjar ta' siġar tat-tamarisk, il-Kunsill ġie mitlub jindika post fejn dawn jistgħu jiġu trasferiti sabiex ma jintilfux.

2.4.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li għandhom jiġu kkunsidrati postijiet fejn hemm il-ħamrija qrib il-parkeġġi tal-Għadira, jew bejn il-parkeġġ tal-Armier u x-xatt.

**2.5.1. Sejħa Nru. 8/2015 – Manutenzjoni u żamma ta' latrini pubbliċi (L/3/Vol III)**

2.5.2. Saret referenza għall-minuta 4.7.1. tas-seduta preċedenti dwar imejl datat 12 ta' Settembru 2016, mibgħuta minn Absolute Cleaners Ltd, fejn infurmaw lill-Kunsill illi mhumiex lesti li jkomplu jipprovdu s-servizz imsemmi bir-rati li taw erba' snin qabel, b'effett mill-1 ta' Ottubru 2016 u għaldaqstant se jibdew japplikaw żieda ta' 20%.

2.5.3. Is-Segretarju qal li għalkemm huwa ġustifikabbli li kienet intalbet estensjoni tat-terminu tal-kuntratt ma' Absolute Cleaners Ltd, mhux aċċettabbli li jiżdiedu r-rati tal-ħlas u għalhekk qed isiru sforzi biex dan is-servizz jingħata permezz tal-ħaddiema tad-District Operations Ltd u tal-IPSL.

2.5.4. Is-Sindku J. Buttigieg qal li dan ikun jinvolvi ħlas ta' saħra lil dawn il-ħaddiema mit-Tnejn sal-Ġimgħa, oltre il-ħinijiet normali tagħhom, kif ukoll is-sibtijiet u l-ħdud il-ġurnata kollha.

2.5.5. Il-Kunsill approva l-implimentazzjoni tal-proposti skont il-minuta 2.5.4. b'effett mill-10 ta' Ottubru 2016.

2.5.6. Kien hemm qbil ukoll li d-dokument tal-offerta għandu jiġi diskuss mit-*Tender Adjudication Board* qabel issir sejħa ġdida għall-offerti, kif indika l-*Public Contracts Review Board* skont il-kjarifika mogħtija fid-19 ta' April 2016.

2.5.7. Billi l-Kunsillier E. Bartolo huwa membru fuq il-*Tender Adjudication Board*, huwa ġibed l-attenzjoni li ser ikun imsiefer bejn it-12 u s-27 ta' Ottubru 2016.

**2.6.1. Ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv (P/7/1/Vol X)**

2.6.2. Is-Segretarju Eżekuttiv aċċenna għall-minuta 7.1. tas-seduta preċedenti u fakkar fid-direttivi li ngħataw fiċ- Ċirkulari 16/2016, maħruġa mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali fl-24 ta' Awwissu 2016. Huwa qal iż-żmien mogħti mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali biex tinħatar persuna sabiex taqdi l-funzjoni ta' Deputat Segretarji ser jiskadi fil-5 ta Ottubru 2016.

2.6.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li d-direttivi mogħtija mid-Dipartiment għadhom dibatibbli u għalhekk wieħed għandu jistenna żviluppi fuq din il-materja.

**2.7.1. Ċentru ta' interpretazzjoni fil-Batterija ta' Westreme (P/4/4/Vol IV)**

2.7.2. Il-Viċi Sindku rrefera għall-minuta 4.4.1. tas-seduta ta' qabel u qal li fit-28 ta' Settembru 2016 saret laqgħa ma' Sinjorina Mandy Falzon fl-uffiċċju tal-MEUSAC dwar l-finanzjament meħtieġ sabiex jiġi żviluppat ċentru ta' interpretazzjoni dwar t-tunnara fil-batterija ta' Westreme. Ġie nnutat li l-Kunsill għandu ċerti rekwiżiti li diġa ntlaħqu, fosthom li l-pussess tal-batterija huwa kopert b'titolu u permess tal-Awtorità tal-Ippjanar f'dak li huwa restawr u użu għall-wirjiet. Kompla jgħid li jonqos li jsiru l-pjanti u *bill of quantities*. Biex ikun jista' isir dan, jeħtieġ li ssir laqgħa ma' inġinier u perit sabiex jiġu stabbiliti l-faċilitajiet meħtieġa u l-ispiża nvoluta. Fl-istess laqgħa ġie stabbilit ukoll li l-MEUSAC tkun disposta li tagħti l-pariri tagħha fis-sottomissjoni tal-applikazzjoni, li s-sejħa għalihom mistennija li toħroġ fiż-żmien sitt ġimgħat.

2.7.3. Għal dan il-għan, kien hemm qbil li għandha ssir laqgħa ma' Galea Curmi Engineering Consultants u mal-*Contracts Manager*, il-Perit J. Attard.

2.7.4. Is-Sindku qal ukoll li l-applikazzjoni tal-Kunsill jeħtieġ li tkun mwieżna bl-appoġġ tal-entitajiet turistiċi li joperaw fil-lokalità, fis-sens li huma jaraw il-ħolqien ta' ċentru interpretattiv dwar l-industrija tal-tunnara bħala valur miżjud fil-pakkett turistiku li toffri l-Mellieħa.

**2.8.1. Stedina għall-Agia Napa Festival (K/1/5/4)**

2.8.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għall-minuta 15.1. tas-seduta ta' qabel dwar iż-żjara f'Agia Napa li seħħet bejn il-21 u s-26 ta' Settembru 2016 u qalet li l-attendenza għal dan l-avveniment marret tajjeb ħafna*"Small Markets at the Heart of the European Economy"* f'Diċembru 2016. L-ospitalità li ngħatat mill-Muniċipalità ta' Agia Napa kienet eċċellenti, filwaqt.

2.8.3. Il-Kunsillier J. Gauci qal li s-Sindku ta' Agia Napa Yiannis Karousos bagħat it-tislijiet tiegħu lis-Sindku u l-Kunsillieri tal-Mellieħa.

2.8.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**3.1.1. Fteħim dwar il-kustodja tat-Torri l-Abjad (P/4/26)**

3.1.2. Is-Segretarju rrefera għall-minuta 4.1.3. tas-seduta preċedenti dwar l-inklużżjoni ta' kafetterija fil-binja tat-Torri l-Abjad. Is-Sur C. Debono qal li huwa ddiskuta dan il-punt ma' uffiċjal fid-Dipartiment tal-Proprjetà tal-Gvern, li min-naħa tiegħu ta parir li għandu jinkiseb il-permess tal-istess Dipartiment, billi jsiru rappreżentazzjonijiet kemm mill-Kunsill, kif ukoll mis-Soċjetà Din l-Art Ħelwa.

3.1.3. Il-Kunsill qabel li għandhom jsiru rappreżentazzjonijiet għan-nom tal-Kunsill mill-konsulent legali.

## 3.0. Tqegħid ta'Karti

- *Purchase Request Form* – 23/09/16;
- Skeda ta' Pagamenti – 18/09/16 – 23/09/16;
- Skeda ta' Korrispondenza li waslet; u
- Skeda ta' Korrispondenza li ntbagħtet.

## 4.0. Korrispondenza

### 4.1.1. Inċident fi Triq it-Tgħam (D/5/Vol II)

4.1.2. Saret referenza għal imejl datat 3 ta' Settembru 2016, fejn is-Sur Marven Vella qed jallega li fit-30 ta' Awwissu 2016 soffra danni fuq il-vettura tiegħu LCX 839, wara li qasam tyre meta ħabat mal-bankina fi Triq it-Tgħam, kantuniera ma' Triq Ta' Masrija. Huwa bgħat ritratti li juru l-post in kwistjoni, iżda t-talba ma kinitx akkumpanjata b'rapport tal-Pulizija. Intbagħat kont li jindika spiża ta' €95.

4.1.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li ma ngħatawx provi biżżejjed li juru illi l-inċident attwalment ġara fil-post indikat.

### 4.2.1. Sewqan perikoluż fi Triq il-Marlozz (T/3/2/Vol XIV)

4.2.2. Saret referenza għal petizzjoni datata 19 ta' Settembru 2016 iffirmata minn 25 persuna, fejn talbu li jsiru *speed humps* fi Triq il-Marlozz, minħabba li hemm tendenza li s-sewwieqa jgħaddu minnha b'veloċità qawwija.

4.2.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li m'għandhomx isiru *speed humps* f'telgħa minħabba l-inkonvenjent li jikkawżaw, kemm għall-istess residenti, kif ukoll għas-sewwieqa. Min-naħa l-oħra l-Kunsill qabel li għandha ssir rakkomandazzjoni lill-Transport Malta sabiex isiru marki tal-karreġġjata "SLOW" jew *roundels* ta' 30km/h.

### 4.3.1. Użu tas-Sala tal-Kunsill (K/1/3/Vol II)

4.3.2. Inqrat talba datata 26 ta' Settembru 2016, mibgħuta mill-Mellieħa Tritons Sports Club, fejn talbu sabiex jagħmlu użu mis-Sala tal-Kunsill għat-taħriġ fil-judo.

4.3.3. It-talba ma ġietx milqugħa peress li s-Sala tal-Kunsill hija diġa kommessa b'korsijiet organizzati mill-istess Kunsill.

### 4.4.1. Kampanja "Pink October 2016" (K/11)

4.4.2. Il-Kunsillieri A. Brincat Stellini u J. Attard aċċennaw għaċ-Ċirkulari 26/2016 datata 22 ta' Settembru 2016, mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali, li tgħid illi nhar il-Ġimgħa, 30 ta' Settembru 2016 fit-8 ta' filgħaxija, ser tiġi inawgurata l-kampanja magħrufa bħala l-*Pink October 2016* mill-Prim Ministru u s-Sinjura Muscat bil-mixegħla b'lewn roża tal-faċċata tal-Uffiċċju tal-Prim Ministru. Il-Kunsilli Lokali ntalbu sabiex għal dakinhar fl-istess jum u ħin jixegħlu l-faċċata tal-uffiċini tagħhom, jew xi bini ieħor importanti b'lewn roża li jissimbolizza il-kulur addottat għal din il-kampanja.

4.4.3. Il-Kunsill qabel li għandu jieħu sehem billi tinxtegħel il-faċċata tal-uffiċċju amministrattiv.

## 5.1. Talbiet għal Xiri ta' Servizzi u Materjal

5.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 23 ta' Settembru 2016.

5.3. Kien hemm qbil dwar il-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal jinħarġu mill-*items* elenkati fl-imsemmija skeda.

## 6.1. Talbiet għal Ħlasijiet marbuta ma' Servizzi u Materjal

6.2. Ġiet ippreżentata skeda ta' pagamenti li tkopri bejn it-8 u t-23 ta' Settembru 2016.

6.3. Il-Kunsill approva l-pagamenti kollha nklużi fl-iskeda.

6.4. Kien hemm qbil li l-iskeda tal-pagamenti għandha tiġi ppubblikata permezz tas-sit elettroniku http://www.lc.gov.mt.

## 7.1. Tħejjijiet għall-*EDEN Network Meeting* (T/12/2)

7.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo qal li bdiet ir-reġistrazzjoni għall-konferenza tal-EDEN Network, kif ukoll għall-attivitajiet li ser jiġu kordinati mill-Awtorità Maltija tat-Turiżmu. Huwa qal li din kienet kemm xejn kajmana minħabba li s-sistema onlajn ma kinitx qed tiffunzjona tajjeb, iżda mistennija tiġi għan-normal bl-intervent tal-organizzaturi fi Brussel. Huwa ġibed l-attenzjoni li l-Kunsillieri jeħtieġ li jirreġistraw il-parteċipazzjoni tagħhom ukoll, kemm-il darba jixtiequ jattendu għall-konferenza, jew għal xi attività oħra marbuta magħha.

7.3. Is-Sur C. Bartolo qal li s-sehem tal-Kunsill ser ikunu t-trasferimenti mill-ajruport u lura, l-ikla ta' filgħaxija fejn tingħata merħba lid-delegati, l-ikliet fl-ewwel jum taż-żjara, *jeep safari*, u *billboard* fit-Telgħa ta' Selmun.

## 8.1. Tħejjiet għall-Proġett *"Small Markets at the Heart of the European Economy"* (P/10/25)

8.2. Is-Segretarju għarraf li s-sejħa għall-offerti dwar l-akkomodazzjoni u l-ikliet ta' filgħaxija nħarġet u ser tagħlaq fl-24 ta' Ottubru 2016. Huwa qal li għad iridu jiġu stabbiliti l-postijiet fejn ser jsiru l-ikliet ta' nofsinhar.

8.3. Il-Viċi Sindku C. Bartolo qal li l-bagit għall-konferenza li ser sseħħ bejn it-8 u t-12 ta' Diċembru 2016 huwa ta' €30,000. Huwa qal ukoll li jkun interessanti għad-delegati li jiġu ospitati għall-ikliet ta' nofsinhar għand il-Koperattiva Rurali tal-Manikata, il-GAIA Foundation f'Għajn Tuffieħa, u postijiet simili. Għarraf ukoll li kien hemm konferma li ser jattendu delegazzjonijiet minn Adenau (Ġermanja), Aquaviva Delle Fonti, Casalborgone, Cavriglia (Italja), Cugir (Rumania), Pargaujas Novads, Vecpiebalgas, Amata (Latvia), u Suwalka (Polonja).

8.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u ddeċieda li kull Kunsillier għandu jkun nkarigat minn xi waħda mid-delegazzjonijiet.

## 9.1. Użu ta' faċilitajiet fil-Park tal-Familja minn għaqdiet sportivi bbażati fil-lokalità (S/4/1/5)

9.2. Is-Sindku qal li għandu jinżamm il-prinċipju li fejn ikun hemm *coaches* li jiċċarġjaw il-flus għal sessjonijiet tat-taħriġ f'xi dixxiplina sportiva, il-Kunsill għandu jitlob ħlas għall-użu tal-faċilitajiet skont it-tariffa stabbilita. Fejn il-ħlas isir lil xi għaqda sportiva bħala miżata ta' sħubija, l-ebda ħlas m'għandu jintalab mill-Kunsill.

9.3. Il-Kunsillier H. Fenech qal li fil-każ tal-Mellieħa Tritons Sports Club, hemm *coaches* li ma jitħallsux, filwaqt li hemm minn jingħata ħlas żgħir mill-klabb. Fil-każ tat-tennis, il-*coach* jitħallas kull sessjoni mill-klabb, iżda l-ġenituri tat-tfal iħallsu għal kull sessjoni li dawn jattendu. Għaldaqstant, fil-każ tal-aħħar huwa jaraha ġusta li jintalab ħlas skont it-tariffa stabbilita. Huwa għamilha ċara li l-Kunsill ikun konsistenti fit-tħaddim ta' dan il-prinċipju.

9.4. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li l-Kunsill jista' jistabilixxi jekk sessjonijiet ta' taħriġ ikunux qed jingħataw taħt il-kappa ta' assoċjazzjoni sportiva, jew fuq bażi ndividwali. Dan billi jintalab l-istatut, jingħataw l-ismijiet tal-membri fil-kumitat tal-assoċjazzjoni u n-numru ta' membri msieħba fiha. Jekk dawn ma' jingħatawx, għandu jsir il-ħlas skont ir-rati stabbiliti.

9.5. Il-Kunsill iddeċieda li kull min jagħmel użu mill-faċilitajiet tal-Park tal-Familja għandu jintalab jissupplixxi t-tagħrif imsemmi fil-minuta 9.4. aktar 'il fuq.

## 10.1. Kawza Gouder vs Kunsill Lokali tal-Mellieha u Central Asphalt Ltd (T/4/13/Vol XII)

10.2. Is-Segretarju rrefera għall-eżitù tal-kawża msemmija u qal li skont il-konsulent legali tal-Kunsill, l-ispejjeż li ġie ordnat iħallas il-Kunsill huma kif ġej:

- Is-somma ta' €3,700 liema somma giet likwidata *ex aequo et bono* in linea ta' danni sofferti mill-atturi;

- l-imgħaxijiet legali fuq tali somma mid-data tal-protest gudizzjarju tal-25 ta' Lulju, 2007; u

- L-ispejjeż kollha minbarra dawk li jirrigwardaw lis-soċjetà Central Asphalt Limited (li giet meħlusa mill-osservanza tal-gudizzju) li għandhom ikunu a karigu tas-sinjuri Gouder.

10.3. Isegwi ghalhekk li flimkien mal-kumpens ta' €3,700 jirriżulta li l-imgħax fuqhom bejn il-25 ta' Lulju, 2007 u t-30 ta' Settembru, 2016 jammontaw ghal €2,718, li flimkien dawn jaghmlu €6,418.

10.4. It-taxxa uffiċjali ta' drittijiet u spejjeż minn fejn jirriżulta li l-ispejjez li saru mis-Sinjuri Gouder huma ta' €3,995.91 minbarra drittijiet li jammontaw għal €1,330.69. Il-VAT fuq drittijiet tammonta ghal €239.52. Flimkien dawn jaghmlu €5,566.12. Fejn imiss ma' spejjeż ta' Central Asphalt Limited, billi giet preżentata risposta ġuramentata waħda, l-ispejjeż tal-konvenuti huma inkorporati f'kolonna wahda. Skont l-istess taxxa jirrizulta li l-ispejjeż mill-Kunsill huma ta' €438.95 minbarra drittijiet li jammontaw ghal €1,274.77. Il-VAT fuq drittijiet tammonta ghal €229.46. Flimkien dawn jaghmlu €1,943.18. Maqsumin bin-nofs bejn il-Kunsill u Central Asphalt Ltd jiġu €971.59 għal kull konvenut u għalhekk, skont is-sentenza, is-Sinjuri Gouder għandhom jagħmlu tajjeb għal sehem Central Asphalt Limited f'din is-somma.

10.5. Fid-dawl tal-ispejjeż imsemmija fil-minuti preċedenti l-ispiża totali għall-Kunsill tammonta ghal €11,984.12 [€3,700 *sorte* + €2,718 + €5,566.12 spejjeż] mil-liema somma jridu jitnaqqsu l-ispejjeż tas-socjetà Central Asphalt Limited li jammontaw ghal €971.59. Għalhekk, is-somma dovuta mill-Kunsill Lokali a lill-atturi Gouder hi ta' €11,012.53.

10.6. Is-Segretarju għarraf li għandu jsir pagament permezz ta' ċekk għas-somma ta' €11,012.53, liema pagament huwa għas-saldu tas-somom kollha dovuti lis-Sinjuri Gouder skont is-sentenza.

10.7. Flimkien ma' dawn l-ispejjeż hemm dawk tal-Avukat John Bonello, li skont kont datat 22 ta' Settembru 2019, jammontaw għal €5,838.06. B'hekk l-ispejjeż attwalment jammontaw għal €16,850.59

10.8. Il-Kunsill awtorizza l-pagament sabiex isir bla dewmien sabiex ma jiddekorrux aktar interessi.

10.9. Is-Segretarju għarraf li fil-15 ta' Settembru 2016 saret laqgħa fuq il-post li attendew għaliha l-partijiet, flimkien mal-perit maħtur mill-Qorti – Marie Louise Caruana Galea – kif ukoll rappreżentanti tal-kuntrattur Central Asphalt Ltd. Fl-istess laqgħa, il-Kunsill intalab jagħti l-qisien tal-ġiebja eżistenti fi Ġnien Dun Anton Debono, kif ukoll is-*survey* topografiku li kien ġie ppreżentat fil-Qorti mill-Kunsill.

### 11.1. Sħubija fil-Fondazzjoni Grupp Azzjoni Majjistral (P/10/5)

11.2. Is-Segretarju aċċenna għaċ-Ċirkulari 19/2016 tal-1 ta' Settembru 2016, li permezz tagħha ġiet stabbilita l-proċedura dwar is-sħubija fil-*Local Action Groups*. Din tinvolvi li:

- Is-sħubija jeħtieġ tiġi awtorizzata mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali, anke minn dawk li diġa qiegħdin imseħbin f'wieħed minn dawn il-gruppi;
- Mat-talba li ssir għandha tintbagħat kopja tal-*balance sheet* aġġornata flimkien ma' lista ta' ammonti kommessi li ma jkunux jidhru fuq l-istess *balance sheet*;
- Mat-talba għandhom jintbagħtu wkoll l-istqarrijiet finanzjarji awditjati tal-*LAG*; u
- Fl-istqarrijiet finanzjarji tal-Kunsill li jsiru wara kull sena finanzjarja għandhom jiġu ndikati l-benefiċċji li l-Kunsill ikun ircieva minn din is-sħubija;
- Il-Kunsill għandu jara jekk l-miżata ta' sħubija hijiex raġġjonevoli – fil-każ tal-Mellieħa hija €4,500 għall-perjodu 2014-2020.

11.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li s-sħubija hija ta' benefiċċju, anke jekk ma jibbenefikax il-Kunsill Lokali *per sè*, peress li l-esperjenza ta' l-aħħar snin uriet li kien hemm tliet għaqdiet volontarji li ngħataw għotjiet sostanzjali biex sar titjib sinifikanti fis-sede rispettiva tagħhom. Għaldaqstant għandhom jsiru rappreżentazzjonijiet mad-Dipartiment għall-Gvern Lokali sabiex jinkiseb il-permess meħtieġ.

11.4. Il-Viċi Sindku C. Bartolo għarraf li l-Fondazzjoni Grupp Azzjoni Majjistral niediet l-istrateġija tagħha sas-sena 2020, waqt laqgħa pubblika li saret fl-Imġarr fit-29 ta' Settembru 2016.

11.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**12.1. Arranġamenti tat-traffiku fil-Manikata (T/3/2/Vol XIV)**

12.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 9.4. tas-Seduta 61 tas-16 ta' Awwissu 2016 dwar il-konġestjoni tat-traffiku li qed tiżvolġi fi Triq il-Mellieħa. Huwa għarraf li Transport Malta qed taħdem fuq żewġ binarji, fis-sens li bħala soluzzjoni mmedjata qed tistudja l-possibiltà li tinstalla *traffic lights* li jalternaw id-direzzjoni tat-traffiku. Qed jaħsbu wkoll li jiksbu finanzjament mill-Fondi Rurali sabiex titwessagħa Triq il-Manikata.

12.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**13.1. Twessiegħ tal-ispazju bejn il-*buildout* fi Triq ix-Xagħra ta' Barra u Triq Għajn Żejtuna (T/3/2/Vol XII)**

13.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo aċċenna għad-diskussjoni li kien hemm fis-Seduta Nru. 57 tal-14 ta' Ġunju 2016 dwar il-possibiltà li jitwessgħu l-*builtouts* li hemm fi Triq Għajn Żejtuna u fi Triq ix-Xagħra ta' Barra, kantuniera ma' Triq il-Kbira. Huwa qal li dawn twessgħu u jidher li d-dħul u ħruġ tal-vetturi f'dawn it-toroq qed ikun iktar faċli, u b'anqas periklu.

13.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**14.1. Ħarġa kulturali (A/5/5/Vol VII)**

14.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini pproponiet li l-ħarġa kulturali li jmiss tkun fl-20 ta' Ottubru 2016, lejn Għawdex u tkun tinkludi żjara fiċ-Ċittadella u fil-Knisja ta' Pinu.

14.3. Il-Kunsill approva l-proposti mressqa.

**15.1. Żvilupp ta' qatgħa fi Triq Għajn Żejtuna (P/5/8/S)**

15.2. Il-Kunsillier J. Gauci, aċċenna għall-applikazzjoni li saret mal-Awtorità tal-Ippjanar - PA4560/10 - sabiex jiġi mġedded permess dwar l-iżvilupp ta' qatgħa Nru. 219 fi Triq Għajn Żejtuna. Huwa qal li fil-ħajt tat-triq li hemm biswit l-istess qatgħa hemm katusi li jaqbdu l-ilma tax-xita ġej minn Triq Ta' Taħt l-Irdum u Triq in-Nixxiegħa. Dan huwa evidenti fuq il-post, kif ukoll minn pjanta li għandhom l-amministraturi ta' Santa Marija Estate – Central Mediterranean Development Corporation Ltd.

15.3. Kien hemm qbil li għandhom isiru rappreżentazzjoni mal-Awtorità tal-Ippjanar dwar l-osservanza tas-servitu' li hemm fuq is-sit in kwistjoni.

**16.1. Użu ta' makkinarju tal-kostruzzjoni fi Triq tas-Salib (A/6/3/1/Vol 110)**

16.2. Il-Kunsillier E. Bartolo lmenta li qed jinħoloq inkonvenjent u konfużjoni kull meta jkun hemm makkinarju tal-kostruzzjoni fi Triq tas-Salib, qrib Triq Salvu Camilleri u Misraħ tas-Salib. Qed jirriżulta li l-kuntrattur ma jpoġġix tabelli li jindikaw illi t-triq tkun magħluqa, jew jitneħħew minn xi ħadd u ma jerġax ipoġġihom

16.3. Billi Triq tas-Salib m'għandhiex traversi li jgħaddu vetturi , wieħed ikollu jreġġa' lura distanza twila.

16.4. Is-Sindku wieġeb li din il-problema tista' tiġi eliminata billi ma kull permess li jinħareġ jintalab is-servizz ta' Uffiċjal tal-Kumunità fil-kantuniera ma' Triq San Mikiel.

16.5. Il-Kunsill approva l-proposta skont il-minuta 16.4 aktar 'il fuq.

## 17.1. Skemi ta' dwal ġodda f'Santa Marija Estate (E/1/3/Vol VI)

17.1. Il-Viċi Sindku C. Bartolo rrefera għall-proġett ta' dwal ġodda li saru fil-parti t'isfel ta' Triq Għajn Żejtuna, Triq il-Qasab u x-Xatt ta' Santa Marija, liema proġett kien hemm ftehim dwaru mal-Awtorità tal-Ippjanar sabiex jiġi ffinanzjat mill-Fond għat-Titjib Urban (UIF). Huwa qal li l-ammont dovut ta' €92,525.06 ġie ppreżentat waqt attività li saret apposta fl-24 ta' Settembru 2016.

17.2. Is-Segretarju qal li l-ispiża kollha kienet koperta, bl-eċċezzjoni tad-drittijiet professjonali mħallsa lill-perit u l-inġinier inkarigati mill-proġett.

17.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 18.1. Fkieren fir-Ramla tal-Mixquqa (P/5/7)

18.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo rrefera għall-iniżjattiva li ttieħdet minn Nature Trust dwar it-tfaqqis tal-bajd tal-fkieren fir-Ramla tal-Mixquqa li sar f'Settembru 2016. Dan kien assistit bil-ħruġ ta' Ordni ta' Emerġenza għall-Konservazzjoni (Avviż 985 tat-13 ta' Settembru 2016) mill-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi. Huwa qal li din l-inizjattiva kienet suċċess u għaldaqstant, il-Kunsill għandu jesprimi apprezzament għaliha.

18.3. Il-Kunsill qabel mal-proposta mressqa.

## 19.1. Kors – Għaqal fid-Dar Ħajja Aħjar (E/3/2/Vol II)

19.2. Il-Kunsillier J. Attard għarraf li fit-22 ta' Settembru 2016 huwa attenda attività fejn l-Onor. M. Farrugia – Ministru għall-Familja u Solidarjetà Soċjali – ippreżenta ċertifikati lil dawk li attendew il-kors imsemmi, li fosthom kien hemm numru mill-Mellieħa. Il-Ministru qal li dan il-kors huwa wieħed mill-miżuri li qed jieħu l-Gvern biex jitnaqqas il-faqar. Għall-preżentazzjoni attendew ukoll l-Onor. S. Buontempo is-Segretarju Parlamentari Responsabbli mill-Kunsilli Lokali u l-d-Direttur tal-Gvern Lokali is-Sur A. Mifsud.

19.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 20.1. Kors – "Ħu Kontroll!" (E/3/2/Vol II)

20.2. Il-Kunsillier A. Brincat Stellini għarrfet li d-Direttorat għall-Promozzjoni tas-Saħħa u Prevenzjoni tal-Mard nieda programm interttiv u bla ħlas fil-Kunsilli Lokali. Dan huwa ntiż għal min ibagħti minn xi kundizzjoni kronika u jixtieq jgħin lilu nnifsu sabiex jgħix aħjar.

20.3. Il-Kunsill qabel li għandu joffri l-faċilitajiet

**AĠĠORNAMENT**

Is-seduta spiċċat fl-10.00pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 11 ta' Ottubru 2016 fis-7.00pm.





| | |
|---|---|
| John Buttigieg | Carmel Debono |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |